MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2010

Numru 988/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Alexei Farrugia**

**Illum, 26 ta' Settembru 2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alexei Farrugia, bin Mario u Aloysia nee' Abela, imwieled Pieta fl-20 ta' Dicembru, 1979 u residenti fil-fond Flat 7, Savoy Flats, Triq Sant' Anglu, Birzebbugia u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 580379M.

Akkuzat talli nhar is-26 ta' Settembru, 2010 ghal-habta tal-00:50hrs, gewwa l-gnien Hastings fil-Belt Valletta

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-ispettur James Grech u PS 1218 Raymond Vella, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi skur ta' artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq Spettur James Grech u PS 1218 Raymond Vella, persuni inkargati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' Artikolu 95 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gestio oxxeni u dan bi ksur ta' artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. U aktar talli m'ghobdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliehx jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew seta' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skond il-ligi u dan bi ksur ta' artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti, giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil PS 1218 Raymond Vella u l-membri tal-familja tieghu, ir-residenza taghhom u kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

Il-Qorti, giet wkoll mitluba sabiex flimkien ma' ordni ta' protezzjoni, jew separatament minnha, taht l-Artikolu 412C u sakemm il-Qorti tkun sodisfatta li jkunu saru jew li jistghu jsiru arrangamenti adatti ghal trattament, tohrog

‘ordni ta’ trattament’ skond Artikolu 412D ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’kaz ta’ htija, il-Qorti, giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta’ PS 1218 Raymond Vella u l-membri tal-familja tieghu ai termini ta’ l-Artikolu 382A et sequitor, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 95, 96 u 338(bb)(dd)(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-eventwali koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri; hadet ukoll in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li jidher li l-imputat ghandu bzonn ta’ kura u attenzjoni partikolari.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti lesta taghti opportunita lill-imputat li jirriforma minghajr ma jiskonta piena ta’ prigunerija b’dan pero li huwa jkun marbut jiehu dik il-kura li ghandu bzonn.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 95, 96 u 338(bb)(dd)(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht ordni

ta'probation ghal perjodu ta' tmintax il-xahar bil-kundizzjonijiet elenkati f'degriet mghoti kontestwalment. In oltre biex tipprovdi ghas-sigurta ta'l-Ispettur James Grech u PS 1218 Raymond Vella  u ghaz-zamma ta'l-ordni pubbliku qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nniffsu ghal perjodu ta' sena, taht penali ta' elf u hames mitt Euro (€1,500), li ma jdejjqax u ma jimmolestax lill-imsemmija Spettur James Grech u PS1218 Raymond Vella.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------